



Peer  
Parliaments

Make  
yourself  
heard

#MyWorldOurPlanet  
#EUClimatePact

**Kif tospita Peer Parliament  
(Parlament tal-Pari): Il-gwida pass  
wara pass biex tmexxi l-grupp tiegħek  
waqt dibattitu dwar il-klima**

**Id-dibattitu kif ukoll l-azzjoni huma fatturi essenziali biex insolvu l-kriżi klimatika.** Aħna neħtieġu persuni madwar l-Ewropa li jistgħu jinteraġixxu u jesprimu l-ideat, l-opinjonijiet u t-tħassib tagħhom dwar it-tibdil fil-klima, sabiex inkunu nistgħu nitgħallmu minn xulxin u noħorġu b'soluzzjonijiet li jaħdmu għal kulħadd. Bħala soċjetà, aħna ikoll neħtieġu li naħdmu flimkien biex nindirizzaw l-isfida l-aktar urġenti tal-ġenerazzjoni tagħna. Huwa hawnhekk fejn inti tista' tgħin!

Nixtiequ nirringrażżawk talli offrejt li tospita volontarjament sessjoni tal-Peer Parliament, u li tlaqqa' flimkien lill-ħbieb, lill-familja, lill-kollegi u lill-ġirien tiegħek biex niddiskutu l-kwistjonijiet klimatiċi l-aktar importanti ta' żminijietna. **Billi tospita Peer Parliament, inti tkun parti minn inizjattiva madwar l-Ewropa kollha li tħegħġeg lin-nies biex jitkellmu dwar it-tibdil fil-klima.** Id-diskussionijiet li qed isiru madwar il-kontinent se jagħtu l-possibbiltà lilna lkoll kemm aħna nesprimu l-ideat tagħna u nitgħallmu minn xulxin, bil-ġhan li ngħinu lill-Ewropa tilħaq il-mira tagħha li ssir l-ewwel kontinent u soċjetà fid-dinja newtrali għall-klima sal-2050.

Dan id-dokument ma jistax jitqies li jikkostitwixxi pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Jekk jogħġgbok innota li l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument tista' tkun skaduta peress li inizjalment kienet maħluqa fl-2022.

Il-Lussemburgo: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

© L-Unjoni Ewropea, 2024



Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2011/833/oj>). Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

## Għan

L-għan tal-Peer Parliament huwa li tintlaħaq deċiżjoni ta' grupp konġunta u infurmata fuq mistoqsijiet kruċjali dwar l-azzjoni klimatika. Intkom tistgħu tagħżlu minn firxa ta' għażiex ta' risposti kif ukoll tissuġġerixxu l-ideat tagħkom stess. Aħna nipprovdu materjali li huma faċli biex taqrawhom sabiex ikun hemm dibattit u infurmat. L-interazzjoni mal-ħsibijiet u l-opinjonijiet tal-membri kollha tal-grupp se twassal għal proċess eċċitanti fejn titgħallmu flimkien u taqblu fuq soluzzjonijiet komuni għal uħud mill-kwistjonijiet l-aktar urġenti ta' żminnietna. Il-vuċċijiet u l-ġhażiet tagħkom ser jinstemgħu u jkunu diskussi ma' dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati.

## Kif tospita Peer Parliament?

Huwa faċli biex tospita Peer Parliament u jeħtieġ biss li ssegwi ħames passi faċli. Din il-gwida pass wara pass se tgħinek timmodera d-diskussjoni u tiżgura li kulħadd ikun jista' jesprimi l-ħsibijiet u l-ideat tiegħi b'mod strutturat. Barra minn dan, din il-gwida ser tappoġġjak biex id-diskussionijiet tiegħek frizultat ċar.

**Id-dibattiti tal-Peer Parliament għandhom x'jaqsmu ma' tliet suġġetti ewlenin:**



**Għal kull wieħed minnhom, aħna ppreparajna materjali li se jinformaw u jiggwidaw id-diskussjoni tagħkom.** Kull suġġett jikkonsisti minn żewġ mistoqsijiet prinċipali u diversi soluzzjonijiet potenzjali li l-grupp tiegħek se jiddibatti dwarhom. Il-materjali se jgħinukom titgħallmu aktar dwar kull waħda mill-għażiex. Iġ-ġażżeen qabel ma tiddiskutu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tagħhom. Iż-żgħid, ovvajement, dan m'għandux ikun limitat biss għal dak li nissuġġerixxu aħna – irridu ni simgħu mingħandkom! Ikkontribwixxu l-ħsibijiet, l-ideat u s-soluzzjonijiet tagħkom stess waqt id-dibattitu.



**Wara li l-grupp tagħkom ikun tgħallem dwar is-soluzzjonijiet potenzjali u ddiskuta l-impatt tagħhom, ikun wasal il-ħin għall-votazzjoni.** Inti se tkun qed tmexxi vot tal-grupp, billi tistaqsi lil kull membru tal-grupp biex jikklassifika l-ġhażiet tagħiex differenti minn dawk li tappoġġjaw l-aktar sa dawk li tappoġġjaw l-inqas. Bħala l-ospitant, int ser tgħodd il-voti, tirrekordja r-riżultati u taqsam l-esperjenza tiegħek permezz tal-Patt Ewropew dwar il-Klima.

Għalkemm aħna nipporduk b'xi linji gwida, il-Peer Parliaments huma maħsuba biex ikunu konverżazzjonijiet każwali dwar il-klima aktar milli dibattit formal. Jekk tiġġura li l-mistednin tiegħek iħossuhom rilassati tkun qed tħeġġeġ li ssir diskussjoni aħjar. **Sabiex nappoġġjawk f'dan, aħna ppreparajna struttura għall-Peer Parliament tiegħek li se tgħinek tiġġenera riżultati interessanti u sinifikattivi.**

## X'inhuma l-ħames passi biex tospita Peer Parliament?

### L-EWWEL PASS: Kif tipprepara ruħek



L-ewwel pass huwa li tipprepara għad-dibattitu qabel ma dan jibda. Bi ftit preparazzjoni biss se tgħin biex il-konverżazzjoni timxi mingħajr xkiel.

- Laqqa' flimkien lill-mistednin tiegħek:** Stieden 5-10 persuni li huma interessati li jieħdu sehem f'diskussjoni. Dawn jistgħu jkunu difensuri mgħarrfa tal-klima, jew persuni li s-suġġett tal-klima huwa kompletament ġdid għalihom. Aktar ma jkun imħallat il-grupp, aktar se tkun interessanti d-diskussjoni. Inti tista' tistieden ħbieb, membri tal-familja, kollegi, ġirien – l-għażla f'idejk.
- Agħżel post:** Wara dan, aħseb f'post fejn se jsir id-dibattitu. Dan jista' jkun l-eqreb kafetterija, park lokal jew anke s-salott tiegħek. Ara li l-mistednin tiegħek ikunu komdi u li ma jkunx hemm ħafna storbju fl-isfond – huwa importanti li l-mistednin tiegħek jinstemgħu.
- Ipprepara ruħek:** Aħna se nipporduk **b'materjali tat-tagħlim** li fihom xi fatti, ċifri u informazzjoni rilevanti biex jagħtu bidu għad-dibattitu. Ara li tippreparahom għall-mistednin tiegħek biex jaqrawhom – jew anke ibgħathom bl-email qabel. Jekk meħtieġ, tista' tistampahom, iż-żgħid minn-niżżejjek.
- Kun miftuħ(a) għall-kreattività:** Aħna rridu li l-mistednin tiegħek jikkontribwixxu b'iġ-idea innovattivi u wiesgħa! Inti tista' tgħinhom ikunu kreattivi billi tipprovi pinen u karti, kif ukoll xi ikel u xorbi biex ikollhom l-enerġija.
- Agħti kas il-ħin:** Li żżomm il-ħin huwa importanti. Ara li d-diskussionijiet jimxu mingħajr xkiel billi żżomm il-ħin għas-sezzjonijiet differenti tad-dibattitu jew taħħtar membru tal-grupp tiegħek biex iż-żomm mal-iskeda.



## IT-TIENI PASS: Merħba u introduzzjoni

15'

### Merħba (madwar 5 minuti)

- Atmosfera pożittiva u amikevoli hija kruċjali biex il-Peer Parliament jirnexxi – din se twassal għal diskussjoni aktar vivaċi u eżiti aħjar. Ilqa' lill-mistednin tiegħek u ara li dawn ikunu kollha saru jafu lil xulxin. Inti mbagħad tista' tintroduċi s-suġġett tad-dibattitu u tiprovd informazzjoni praktika dwar id-diskussjoni.

### Introduzzjoni (madwar 10 minuti)

- Introduċi l-għan tad-diskussjoni** u ara li l-mistednin kollha jkunu feħmu l-istess ħaġa. Spjega l-għan, l-iskeda u l-istruttura tad-dibattitu, kif ukoll ir-rwol tiegħek bħala l-ospitant. Għid lill-mistednin tiegħek li inti se tkun responsabbli biex iżżomm id-diskussjoni attiva u ffukata, u biex toħloq ambjent li fih kulħadd sejkollu l-opportunità li jipparteċipa. Spjega li inti se żomm il-ħin u tacċċerta ruħek li l-għan tad-dibattitu jinkiseb. U tinsiex: inti tista' tipparteċipa wkoll fid-dibattitu u l-votazzjoni, bħall-mistednin l-oħra.
- Introduċi l-mistednin tiegħek għal dawn is-sitt regoli bażiċi għad-dibattitu.
  - Kun kostruttiv(a), trasparenti u onest(a).
  - Tkellem biss meta jmissek.
  - Żomm mal-limitu ta' ħin meta titkellem.
  - Kulħadd għandu jitkellem tal-inqas darba. Il-Peer Parliaments huma spazju sikur li fih wieħed jista' jsemmu l-ideat tiegħu.
  - Ħalli persuni oħrajn jispiċċaw jitkellmu qabel tibda inti.
  - Isma' lill-oħrajn u apprezza d-diversità tal-opinjonijiet fil-grupp. Ma hemm l-ebda risposta ġusta, żbaljata, tajba jew ħażina.
- L-ewwel ċirklu ta' introduzzjoni: Staqqi lill-mistednin jintroduċu lilhom infushom u jaqsmu storja divertenti jew interessanti mill-ħajja ta' kuljum reċenti tagħhom li hija marbuta mas-suġġett tad-dibattitu (mobilità, enerġija jew konsum).

## IT-TIELET PASS: Mistoqsija tad-dibattitu 1



**TGħALLMU:** Aqraw il-kuntest (mill-materjali tat-tagħlim) u tgħallmu dwar l-għażiet differenti (madwar 15-il minuta)

- Bħala ospitant, aqra l-mistoqsija u s-soluzzjonijiet potenzjali, u ara li l-informazzjoni tkun ċara għal kulħadd. L-għażiet se jiġu spjegati fakta dettall fis-sezzjonijiet li jmiss.
- Inti tista' titlob lil membru tal-grupp biex jaqra jgħajja l-informazzjoni ġenerali dwar il-kuntest.
- Jekk meħtieġ, agħti lil kulħadd ħin biex jaqra l-informazzjoni aktaraktar speċifika dwar kull għażla.
- Staqsi lill-mistednin iqjsu kwalunkwe vantaġġ jew żvantaġġ li jistgħu jidher għal kull soluzzjoni potenzjali.



**IDDISKUTU:** Immodera d-diskussjoni u isma' l-fehmiet ta' kulħadd (madwar 30 minuta)

- Meta l-mistednin kollha jkunu spiċċaw jaqraw, ibda d-diskussjoni.
- Agħti lil kulħadd l-opportunità li jitkellem mingħajr interruzzjoni. Agħti spazju għal aktar kummenti biss wara li kull mistieden ikun tkellem.
- Uża l-mistoqsijiet ta' gwida li ġejjin:
  - Liema mill-erba' għażiet mogħtija tippreferi? Liema l-inqas li togħġibok? **Għaliex?**
  - Tista' taħseb f'modi oħra kif tista' tinkiseb in-newtralità klimatika f'dan il-qasam? Kif tiddeskrivi (il-ħames) għażla addizzjonal?
- Ikteb l-ideat addizzjonal li jissemmew fid-diskussjoni u ħalli l-grupp jiddeċiedi liema idea jixtiequ jżidu mal-votazzjoni (li trid tinkiteb bħala "Option E" (Għażla E)). Jekk ma jintlaħaqx ftehim ċar, ivvutaw fuq il-proposti differenti billi tgħollu idejkom.



**IVVUTAW:** Issorvelja l-proċedura tal-votazzjoni (madwar 15-il minuta)

- Meta d-diskussjoni tkun intemmet, tħabbar li sar il-ħin biex tittieħed deċiżjoni dwar il-klassifikazzjoni finali tal-grupp tiegħek. Inti tista' tuża l-proċedura ta' votazzjoni deskritta hawn, iżda tista' wkoll tagħżel mekkaniżmu differenti għat-temm-tiegħi.
- Itlob lil kull mistieden jagħti **I-ogħla punteġġ lill-għażla preferuta tiegħu (ħames punti), it-tieni għażla l-aktar preferuta erba' punti**, u l-bqija, sakemm l-għażla l-inqas preferuta tingħata punt wieħed.
- Itlob lill-mistednin jimlew id-dokumenti tal-votazzjoni (fl-aħħar tal-għidha) jew iġbor il-punteġġi mingħandhom inti stess. Bħala l-ospitant, huwa l-kompli tiegħek li tgħodd il-voti u tniżżejjel il-punteġġ totali għal kull għażla fuq il-karta tal-punteġġi. Inti mbagħad għandek tikteb u tħabbar il-klassifikazzjoni globali finali tal-grupp tal-għażiet differenti.
- Jekk ikun hemm żewġ għażiet differenti bl-istess numru ta' punti, itlob lil kulħadd jgħolli idejha biex tiddetermina liema hija dik l-aktar preferuta.



## IR-RABA' PASS: Mistoqsija tad-dibattitu 2

Irrepetu l-elementi tat-Tielet Pass (TGħALLMU, IDDISKUTU, IVVUTAW), billi din id-darba tiffokaw fuq il-Mistoqsija tad-dibattitu 2.



## IL-~~ĦAMES~~ PASS:

# Ibgħat ir-riżultati u kkonkludi

Prosit – għamilt xogħol mill-aqwa bħala ospitant! Hu ritratt tal-grupp jew anke iġbed vidjo qasir fuq il-mowbjajl tiegħek u għaddi mill-ewwel biex tgħidilhom "Grazzi u tislijiet". Jew inkella, tista' ttella' r-riżultati flimkien kif ġej.

### Aqsam ir-riżultati tal-grupp (madwar 10 minuti)

- Mur għas-sit web tal-Patt dwar il-Klima u **aqsam l-esperjenza tiegħek**. Ir-riżultati tiegħek ser ikunu maqsuma ma' dawk li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonernati Ewropej.
- Ħal lu n-nies fin-network tiegħek jkunu jafu dwar l-esperjenza u riżultati tiegħek. Aqsam stampa tal-grupp jew anki video tal-Parlament Pari permezz tal-media soċjali, u uża l-hashtag #EUClimatePact u #PeerParliaments.

### Grazzi u tislijiet (madwar 5 minuti)

- Irringazzja lil kulħadd fil-grupp għall-kontributi siewja tagħhom u assigurahom li l-voti u l-ideat tagħhom se jinstemgħu. Jekk il-mistednin tiegħek iridu jkunu infurmati dwar l-eżiti tal-Parlamenti Pari - jew jekk iridu jorganizzaw tagħhom stess - għidilhom biex **iżuru s-sit web tal-Patt Ewropew dwar il-Klima**.
- Tista' wkoll **taqsam l-ideat li tkun iddiskutejt matul il-Parlament Pariu** tkun involut f'diskussionijiet addizzjonali dwar il-viżjoni tiegħek għal politiki Ewropej dwar il-klima ma' nies mill-Ewropa kollha, f'varjetà ta' avvenimenti ma' dawk li jfasslu l-politika, ċittadini u partijiet ikkonċernati fil-livell lokali, reġionali jew Ewropew.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
tal-Unjoni Ewropea



[climate-pact.europa.eu](http://climate-pact.europa.eu)



[EUClimateAction](#)



[EUClimateAction](#)



[ourplanet.eu](#)



[EU Environment and Climate](#)



#MyWorldOurPlanet  
#EUClimatePact



## Ballots for question 1

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

## Score sheet

Option	Points	Rank
A		
B		
C		
D		
E		

## Ballots for question 2

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

  

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

  

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

  

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

Points	Option
5 points	
4 points	
3 points	
2 points	
1 point	

## Score sheet

Option	Points	Rank
A		
B		
C		
D		
E		